**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Gunju 2002**

**Numru 20**

**Avviz numru 909/02**

**Formosa Property Limited**

**vs**

**Joseph sive Joe Abela**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm437.54 (erba mija u seba' u tletin lira Maltin u erba u hamsin centezmu) rapprezentanti prezz ta' ready mix concrete li gie ordnat mill-konvenut, mibjugh u lilu konsenjat f'building site f'The Village, San Giljan fis-27 ta' Settembru 1999 flimkien mal-imghax tat-8% mid-data tal-konsenja sal-15 ta' Marzu 2002 u salv imghax ulterjuri sal-hlas effettiv, skond il-prospett anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali ufficjali tad-29 t'Awissu 2001 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Lawrence Formosa jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm437.54 (erba mija u seba' u tletin lira Maltin u erba u hamsin centezmu) rapprezentanti prezz ta' concrete miz mibjugh u konsenjat.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**